**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 110/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Michael Frendo**

**Illum 20 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Michael Frendo**, iben Joseph u Evelina neè Gwazzo, imwieled il-Pietà u residenti 63, Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0137381(M), talli:

Nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu u l-ħin ta' wara, ġewwa Triq Marina, l-Imsida:

1. Ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, bi ksur ta' l-Artikoli 251AA(2)(3)(4) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Rodianne Frendo tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra, jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih, bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil martu Rodianne Frendo, u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikoli 251A(1)(a)(b) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Rodianne Frendo biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha, bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, a tenur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Rodianne Frendo, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra, minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika skond il-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti, il-Qorti tagħmel ukoll Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex, dejjem f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà ta' Rodianne Frendo;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna li l-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fil-5 ta' Marzu 2020, ossia l-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta markat Dok. "JX1", estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat markat Dok. "JX2", il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "JX3", rapport tal-Pulizija datat 3 ta' Marzu 2020 markat Dok. "JX4", Risk Assessment fir-rigward ta' Rodianne Frendo markat Dok. "JX5" u stqarrija rilaxxata mill-imputat markata Dok. "JX6", a fol. 8 sa' 25 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat datat 5 ta' Marzu 2020, fol. 30 tal-proċess;

[1] Fol. 26 tal-proċess.

Rat il-passaport ta' l-imputat esebit a fol. 40 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Settembru 2020[2], ta' l-1 ta' Ottubru 2020[3] u ta' l-20 ta' Novembru 2020[4] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "EGF1" a fol. 44 sa' 48 tal-proċess, Dok. "EGB" a fol. 58 sa' 61 tal-proċess, Dok. "EGX" a fol. 76 sa' 79 tal-proċess, Dok. "EGX1" a fol. 80 tal-proċess u Dok. "EGX2" a fol. 81 u 82 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Rodianne Frendo mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Settembru 2020[5] u tat-18 ta' Marzu 2021[6], semgħet ix-xhieda ta' PC1436 Aryton Camilleri[7] u x-xhieda tar-Risk Assessor Jessica Grech Parnis[8] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, u x-xhieda ta' Hayley Frendo mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[9], semgħet ix-xhieda ta' WPC345 Monique Mangion[10], tar-Risk Assessor Vinciana Vella[11] u ta' l-Ispettur Joseph Xerri[12] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-3 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu u l-ħin ta' wara, ġewwa Triq Marina, l-Imsida: 1. Ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, bi ksur ta' l-Artikoli 251AA(2)(3)(4) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Kif ukoll talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: 2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Rodianne Frendo tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra, jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih, bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta; 3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; 4. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil martu Rodianne Frendo, u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikoli 251A(1)(a)(b) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; 5. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Rodianne Frendo biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-

[2] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[3] Fol. 57 tal-proċess.
[4] Fol. 74 u 75 tal-proċess.
[5] Fol. 49 sa' 53 tal-proċess.
[6] Fol. 93 sa' 103 tal-proċess.
[7] Fol. 55 u 56 tal-proċess.
[8] Fol. 62 u 63 tal-proċess.
[9] Fol. 65 sa' 70 tal-proċess.
[10] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[11] Fol. 83 u 84 tal-proċess.
[12] Fol. 85 u 86 tal-proċess.

proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha, bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; 6. Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, a tenur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-3 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu u l-ħin ta' wara, ġewwa Triq Marina, l-Imsida, ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, bi ksur ta' l-Artikoli 251AA(2)(3)(4) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Persuna: (a) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur ta' l-artikolu 251A(1), u (b) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu. (2) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 251BA(1)(a), persuna iġġib ruħha b'mod li l-imġiba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk: (a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna, (b) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3), (ċ) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal-fastidju tal-persuna l-oħra, u (d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra li tibża' għas-sigurtà taghha. (3) Dawn l-atti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi: (a) li wieħed jimxi wara persuna, (b) li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt ma' persuna bi kwalunkwe mezz, (ċ) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xi dikjarazzjoni jew materjal ieħor - (i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigwarda persuna, jew (ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna, (d) il-monitoraġġ ta' l-użu ta' persuna ta' l-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika, (e) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat, (f) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess tal-persuna, (g) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna. (4) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa' sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien: Iżda il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li r-reat hemm kontemplat jesiġi "imġieba", ossia *a course of conduct* da parte tal-persuna imputata. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton Debono**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu 2017, fejn il-Qorti osservat illi r-reati indikati fl-Artikoli 251A, 251B u 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *huma reati li jesiġu "imġieba". Issir hawnhekk referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Bajada* (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013): *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi*

*penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. James Demanuele, deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret: L-Artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-subinċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-suninċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli.*

*Fl-artikolu 251Ċ hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni tinkludi meta wieħed jagħti qata' (alarming) jew idejjaq (causing ... distress) lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliż 'harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien". Però, xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri ta' l-akkuża nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-peruna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġ tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed jiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni nġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi". ...*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Xavier Micallef, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)* [17.02.2011] *irriteniet is-segwenti: "Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassment" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Parnis (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-harassment taħt dina d-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: illi dawn l-*

*affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed - ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 ta' l-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions". L-Artikolu 251B tagħna - u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru it-tibdiliet - jipprovdi fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażżjonijiet - proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża "on at least two occassions". Għal xi raġuni - fil-fehma din il-Qorti kompletament illoġika - il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct. ... it was recognised, however that circumstances can be conceived "where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday...". Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini ta' l-imsemmi Artikolu 251B(1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet ta' l-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi".*

***Illi multo magis din l-interpretazzjoni tapplika għar-reat ravviżat bl-artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali, dak komunement magħruf bħala stalking. Illi l-liġi titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u għaldaqstant minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dawn ir-reati (Artikoli 251A, 251B u 251AA) ma jissusistux jekk dan ikun xi inċident iżolat[13].***

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

Minn qari ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, jirriżulta immedjatament evidenti li din tirreferi għal inċident partikolari li ġara f'data, f'ħin u f'post partikolari, ossia fit-3 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tas-6:30a.m. u l-ħin ta' wara ġewwa Triq Marina, l-Imsida. Li dan l-inċident li għalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat huwa wieħed uniku u iżolat jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' l-ISpettur Joseph Xerri u mix-xhieda ta' Rodianne Frendo.

L-Ispettur Joseph Xerri[14] xehed illi *kont tkellimt ukoll mas-Sinjura Frendo fejn spjegatli li xi ftit tax-xhur qabel, jekk mhux sejjer żbaljat, għal Diċembru, hija kienet temmet ir-relazzjoni tagħha ma' l-ex raġel tagħha Michael Frendo fejn kienu joqogħdu flimkien f'Pembroke u allegatament, fl-aħħar jiem kien hemm xi theddid verbali fuq il-mobile kif ukoll kien hemm* ***inċident partikolari***[15] *fejn is-Sur Frendo kien allegatament mar jistenna lis-Sinjura Frendo quddiem il-post tax-xogħol tagħha u cioè quddiem il-Marina Palace Home fi Triq Marina, l-Imsida, għall-ħabta tas-6:30a.m., fejn kien ġie nnutat minn ċertu Manuel Cachia, però hi ma kenitx ratu għaliex dakinhar kienet daħlet tard u sakemm hi daħlet għax-xogħol, hu kien laħaq telaq minn fuq il-post.*

Fir-rigward ta' dak li ġara fit-3 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tas-6:30a.m., Rodianne Frendo xehdet[16] illi *kont naħdem l-Imsida, il-Marina Palace Home, u kienu ġew jgħiduli tax-xogħol li kien hemm ir-raġel quddiem il-bieb tax-xogħol. Issa fil-verità, mhux hu personali qalli, l-avukat mingħalija kien qal, illi hu jaħdem b'xi tow truck u hekk u kien qiegħed lil hemm.* Mistoqsija mill-Qorti jekk ratux lill-imputat quddiem il-post tax-xogħol, Rodianne Frendo wieġbet *iva rajtu wara l-bieb, jiena ifhimni ma kontx qiegħda miegħu u ma nafx jekk kienx xogħol.* Mistoqsija mill-ġdid jekk ratux bħala fatt fuq il-post, Rodianne Frendo reġgħet wieġbet *iva.* Għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni *l-persuna li taħdem miegħek li qaltlek li kien hemm Michael jistennik, taf tgħidilna min hu?* Rodianne Frendo wieġbet *Manwel Cachia residenti hemmhekk u jaħdem fil-maintenance wkoll.* Iddikjarat li dakinhar l-imputat ma kien qed jagħmel xejn imma hi ma setgħetx toħroġ minn fuq il-post tax-xogħol. Dwar din l-istess okkazzjoni, in kontro-eżami[17] Rodianne Frendo xehdet illi dakinhar tat-3 ta' Marzu 2020, hija ma kenitx rat lill-imputat barra l-post tax-xogħol tagħha iżda kienu l-kollegi tagħha li qalulha li kien qiegħed hemm.

Huwa evidenti li Rodianne Frendo, fir-rigward ta' dan l-allegat inċident partikolari ma baqgħetx konsistenti bejn ix-xhieda li tat in eżami u x-xhieda li tat in kontro-eżami. Filwaqt li in eżami ddikjarat li hija personali kienet rat lill-imputat barra l-post tax-xogħol tagħha, in kontro-eżami ddikjarat li hija ma ratux imma kienu rawh il-kollegi tax-xogħol tagħha, senjatament ċertu Manuel Cachia, u kienu qalulha li kien qiegħed hemm. Il-Qorti hija iktar propensa temmen li fil-fatt Rodianne Frendo ma ratx lill-imputat fuq il-post tax-xogħol tagħha dakinhar tat-3 ta' Marzu 2020, iżda kienu l-kollegi tax-xogħol li qalulha li kien qiegħed hemm f'xi ħin qabel ma effettivament waslet ix-xogħol. Il-Qorti tqis li dan huwa dak li fil-fatt ġara stante li meta għamlet ir-rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan, Rodianne Frendo iddikjarat

---

14 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020, fol. 85 u 86 tal-proċess.
15 Enfasi tal-Qorti.
16 Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020, fol. 49 sa' 53 tal-proċess.
17 Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2021, fol. 93 sa' 103 tal-proċess.

li hi personalment ma kenitx rat lill-imputat barra l-post tax-xogħol tagħha. In effetti fir-rapport[18] jingħad illi *llum 03/02/2020* [evidentement hemm żball fir-rapport stante li d-data tar-rapport kienet it-3 ta' Marzu 2020 u mhux it-3 ta' Frar 2020] *dan l-istess raġel, cioè Michael Frendo detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 137381(M), mar quddiem il-post tax-xogħol tal-kwerelanta fejn din saret taf dan minn xi ħaddiema li jaħdmu magħha stess, dan għaliex x'ħin ġara din hi kienet għadha ma waslitx ix-xogħol*, fatt dan li ġie kkonfermat minn Rodianne Frendo quddiem l-Ispettur Joseph Xerri, hekk kif jirriżulta ferm ċar mix-xhieda li ta quddiem il-Qorti, iktar 'l fuq ċitata.

Dan kollu juri għalhekk illi mhux biss l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tittratta dwar inċident partikolari li ġara f'ġurnata, ħin u lok partikolari u mhux dwar *a course of conduct* da parte ta' l-imputat talli addirittura l-prova fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni ma hija xejn għajr *hearsay evidence* in kwantu Rodianne Frendo sempliċement irrakkuntat dak li kien qalilha ħaddieħor, ossia Manuel Cachia, mingħajr ma dan l-istess Manuel Cachia tressaq bħala xhud biex jixhed dwar dak li ra jew ma rax dakinhar tat-3 ta' Marzu 2020.

Ir-regoli dwar *hearsay evidence* jinsabu ben esposti fl-Artikoli 598 u 599 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, reżi applikabbli għall-proċeduri kriminali in forza ta' l-Artikolu 645 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hemm provdut illi: Artikolu 598 - *(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xhieda fuq dawk il-fatti. (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xhieda bħal dawk. (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.* Artikolu 599 - *Il-qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort' oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu u jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami, fid-dawl ta' l-import ta' dak li Manuel Cachia allegatament qal lil Rodianne Frendo dwar il-presenza ta' l-imputat quddiem il-post tax-xogħol tagħha nhar it-3 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tas-6:30a.m., ma hemmx raġuni valida in bażi għal liema għandha toqgħod fuq it-testimonjanza ta' Rodianne Frendo, a sua volta ibbażata fuq dak lil qalilha ħaddieħor, għall-fini li tistabilixxi l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu. Hawn qed nitkellmu dwar il-ħtija o meno ta' persuna għal reat addebitat lilu, liema ħtija trid tiġi ppruvata 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli u mhux fuq sempliċi diċerija ta' terz li lanqas biss tressaq bħala xhud. Il-verità ta' dak allegatament affermat minn Manuel Cachia ma' Rodianne Frendo ma tistax tiġi stabilita sempliċement mix-

[18] Dok. "JX4" a fol. 13 u 14 tal-proċess.

xhieda ta' Rodianne Frendo li essenzjalment ma tagħmel xejn għajr li tirrepeti dak li allegatament qalilha ħaddieħor. Fir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni **Subramaniam v. Public Prosecutor**, fejn jinghad illi: *evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. **It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement**. **It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made**[19]. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*

Il-Qorti tosserva li għalkemm fir-Risk Assessment ta' Rodianne Frendo li sar mir-Risk Assessors Jessica Grech Parnis u Vinciana Vella, illi entrambe xehdu f'dawn il-proċeduri[20] u ikkonfermaw ir-Risk Assessment a fol. 15 sa' 23 tal-proċess, hemm indikat li Rodianne Frendo allegat li l-imputat diversi drabi oħra kien mar jistennija quddiem il-post tax-xogħol, Hija ma tistax tieħu dak hemm imniżżel bħala fatt ippruvat. Għalkemm ir-Risk Assessment u x-xhieda tar-Risk Assessors jikkostitwixxu prova li Rodianne Frendo verament qalet hekk, ma jikkostitwixxux prova però li dak li qaltilhom Rodianne Frendo fir-rigward ta' l-inċident li dwaru tittratta l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, fil-fatt huwa minnu.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, tħares minn fejn tħares lejn l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, jirriżulta li l-imputat ma jistax, a bażi tal-provi prodotti, jinstab ħati ta' tali imputazzjoni u għaldaqstant għandu jiġi liberat minnha.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (2) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Rodianne Frendo tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra, jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih, bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika - (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-pesuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jaħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73)*

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.
[20] Xhieda Jessica Grech Parnis mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, fol. 62 u 63 tal-proċess, u xhieda ta' Vinciana Vella mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020, fol. 83 u 84 tal-proċess.

*u, fil-każ ta' reat permanenti multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat; Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr. Alfred Grech**, deċiża fid-19 ta' Lulju 2013, *l-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għal għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni tittratta min għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqisux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) imsemmi in kwantu huma messaġġi li ta' l-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza ta' l-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portta tal-paragrafu (ċ) imsemmi.*

It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat skattat mir-rapport li Rodianne Frendo għamlet ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan dakinhar tat-3 ta' Marzu 2020. Fir-rapport[21] jingħad illi *llum 03/03/2020 irrapportat ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan is-sinjura Rodianne Frendo fejn din stqarret li se tagħmel rapport kontra r-raġel tagħha (għaddejjha minn kawża ta' separazzjoni). Il-kwerelanta stqarret li lbierah cioè 02/03/2020 irċiviet telefonata kif ukoll diversi messaġġi fejn din ħassitha mhedda. Fenech* [hawn evidentement kunjom il-kwerelanta kellu jkun Frendo u mhux Fenech] *kompliet tgħid li f'din it-telefonata qalli "alla ħares naralek girfa għax naqtalu rasu hu min hu, alla ħares narak ma xi ħadd għax intik daqqa ta' karozza u ġewwa u barra għalija xorta".*

Fir-rigward Rodianne Frendo[22], fix-xhieda li tat quddiem il-Qorti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, iddikjarat li l-imputat kien ċemplilha u qalilha alla ħares naralek girfa għax naqtagħlu rasu hu min hu u hija fehmet li dan il-kliem kien dirett lejn persuna partikolari u mhux lejha personalment. In kontro-eżami[23] tenniet illi hija fehmet li dawk il-kliem ta' l-imputat - li reġgħet ikkonfermat li ntqalu minnu - kienu diretti lejn il-persuna li miegħu kienet qed toħroġ dak iż-żmien. Iddikjarat ukoll li permezz ta' l-istess telefonata, l-imputat kien qalilha li kien se jtajjarha bil-vann.

---

[21] Dok. "JX4" a fol. 13 u 14 tal-proċess.
[22] Vide xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020, fol. 49 sa' 53 tal-proċess.
[23] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2021, fol. 93 sa' 103 tal-proċess.

Fir-rigward ta' dan l-inċident partikolari, il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn ma għandhiex temmen dak affermat minn Rodianne Frendo u dana għar-raġuni li kienet konsistenti f'dak minnha affermat, kemm meta għamlet ir-rapport mal-Pulizija, kemm meta xehdet in eżami kif ukoll meta xehdet in kontro-eżami.

Minn konsiderazzjoni ta' dak dikjarat mill-imputat lil Rodianne Frendo permezz tat-telefonata li għamlilha dakinhar tar-rapport, ossia li allaħares jaralha girfa għax jaqtalu rasu hu min hu u li alla ħares jaraha ma' xi ħadd għaliex jagħtiha daqqa ta' karozza, huwa evidenti li l-imputat wettaq ir-reat previst fl-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat. Il-kliem imlissna mill-imputat lil Rodianne Frendo ma jistgħux għajr li jitqiesu bħala theddida ta' twettiq ta' reat u dana billi it-theddid huwa *biża' ta' aggressjoni futura. ... Biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor - xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Hu veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi ndikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: " ... è sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillità della person a cui è rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: "ti farò vedere di che cosa sono capace"*[24].

Ma hemmx dubju li l-minaccia mlissna mill-imputat waqt it-telefonata in kwistjoni turbat it-tranquillità ta' Rodianne Frendo, tant illi għaddiet biex tagħmel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva li wassal għall-proċeduri odjerni. Apparte minn hekk in kontro-eżami għall-mistoqsija *inti eżattament spjegalna kif ħassejthek mhedda bil-kliem "Alla ħares naralek girfa"?* Rodianne Frendo wieġbet *ifhem, bniedma li m'għadekx miegħu, se jibqa' jiġifieri jsostni warajk u dana jara x'inti tagħmel u hekk.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

### It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda r-reat previst fl-imsemmi Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi osservat li *bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Camilleri deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009: "Skond il-ġurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo 'it-tħeddid ifisser li aġent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta". "Il-*

---

[24] Il-Pulizija v. Francis Frendo, ċitata fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Nadine Farrugia, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' April 2019.

*Qorti hi sodisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ... u speċjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpanjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9, theddid ifisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li però ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' oħra fil-Kodiċi e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volontà ta' l-istess aġent". Fis-sentenza fl-ismijiet Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar ingħad li: "Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-atteġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali". Theddida lanqas ma titlef mis-serjetà tagħha jekk tkun kundizzjonata. ... Antolisei jisħaq li: "è sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillità delle persone a cui è rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti farò vedere di che cosa sono capace"*[25].

Din l-imputazzjoni hija bbażata kemm fuq it-theddida già iktar 'l fuq trattata, imlissna mill-imputat lil Rodianne Frendo direttament meta waqt telefonata qalilha li jekk jara ma' ħaddieħor se jagħtiha daqqa ta' karozza, kif ukoll fuq theddida li saret mill-imputat lil bintu Hayley Frendo meta qalilha li hi u ommha, ossia Rodianne Frendo, hemm chance li jaqilgħu daqqa ta' karozza.

Fir-rigward Hayley Frendo[26], in risposta għall-mistoqsija *meta ġew l-għassa kien hemm xi okkazzjoni fejn missierha qalilha xi kliem fil-konfront ta' ommha?* Wieġbet *iva, kien hemm theddida waħda. ...* ***Minħabba l-partner tagħha li jekk jagħmlilna xi ħaġa jew hekk jew anke fuq il-kwistjonijiet li għandna, lili u l-mummy hemm cans li jew nieħdu daqqa ta' karozza jew hekk***[27]. ***... Konna qed nitkellmu fuq il-partner tal-mummy u qalha. ... face to face***. Il-Qorti, li kellha l-opportunità tifli sew il-komportament ta' Hayley Frendo, bint l-imputat u Rodianne Frendo, waqt ix-xhieda tagħha, ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temminha fir-rigward tat-theddida magħmula lilha u lil ommha Rodianne Frendo mill-imputat. Apparte minnhekk il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Hayley Frendo baqgħet konsistenti, fis-sens illi l-istess diskors intqal minnha lir-Risk Assessors fil-kuntest tar-Risk Assessment[28] magħmul fir-rigward ta' ommha Rodianne Frendo.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk tqis li l-imputat effettivament hedded lil Rodianne Frendo u għaldaqstant għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (4) ġab ruħu b'tali

[25] Il-Pulizija v. Salvatore La Rocca, Każ Nru. 50/17, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis- 7 ta' Frar 2019. Emphasis by this Court.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, fol. 65 sa' 70 tal-proċess.
[27] Enfasi tal-Qorti.
[28] Vide dak konstatat mir-Risk Assessors fir-Risk Assessment dwar x'intqal minn Hayley Frendo a tergo ta' fol. 22 tal-proċess.

mod li ta fastidju lil martu Rodianne Frendo, u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal martu Rodianne Frendo, bi ksur ta' l-Artikoli 251A(1)(a)(b) u 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (5) bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Rodianne Frendo biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha, bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251A(1) taħt is-sub-paragrafi (a) u (b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna li: (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) li ġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna ... tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

L-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa' sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża imissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.*

Il-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw dawn id-disposizzjonijiet tal-Liġi già ġew diskussi iktar 'l fuq fil-kuntest ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u a skans ta' ripetizzjoni inutili ssir ampja referenza għal dak già iktar 'l fuq osservat u għall-prinċipji enunċjati fis-sentenza già ċitata **Il-Pulizija v. Elton Debono** u fis-sentenzi a loro volta fiha ċitati. Li se jiġi ribadit huwa li entrambe r-reati previsti fir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet deotti fil-konfront ta' l-imputat, ossia r-reat taħt l-Artikolu 251A u r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jirrikjedu l-imġieba, ossia *course of conduct* da parte ta' l-imputat.

Fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi li l-Qorti tista' u għandha tieħu in konsiderazzjoni huma d-diskurstata bejn l-imputat u bintu Hayley Frendo, fejn huma u jitkellmu dwar il-partner ta' Rodianne Frendo, l-imputat qal lil bintu li hemm chance li hi u ommha jaqilgħu daqqa ta' karozza - diskursata u minaċċia din li Hayley Frendo għarfet lill-ommha biha - u t-telefonata bejn l-imputat u Rodianne Frendo fejn l-istess imputat qalilha li alla hares jsibilha girfa għaliex jaqta' ras dak li jkun, hu u min hu, u alla ħares jara ma' xi ħadd għax jagħtiha daqqa ta' karozza.

Għalkemm Rodianne Frendo xehdet dwar telefonati oħra li allegatament irċeviet, fejn min ċemplilha wissiha biex toqgħod attenta mir-raġel tagħha għaliex ried itajjarha bil-vann, dawn ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni stante li kif minnha stess affermat dawn kienu telefonati anonimi. Dak li qalet Rodianne Frendo fir-rigward jikkostitwixxi prova bażata fuq *hearsay* ta' dak li suppost qalet persuna mhux identifikata, prova li allura hija għal kollox inamissibbli.

Bl-istess mod, għalkemm Rodianne Frendo avvanzat diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat fil-kors tar-Risk Assessment tagħha, dak minnha hemm allegat kien jeħtieġ li jiġi ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli biex jikkostitwixxi prova valida fil-konfront ta' l-imputat. Kif già iktar 'l fuq osservat, għalkemm ir-Risk Assessment u x-xhieda tar-Risk Assessors jikkostitwixxu prova li Rodianne Frendo verament qalet dak li qalet fil-konfront ta' l-imputat, ma jikkostitwixxux prova però li dak li qalet l-istess Rodianne Frendo fir-rigward ta' l-imputat, fil-fatt huwa minnu.

Detto ciò però l-Qorti tqis li l-atteġġjament ta' l-imputat u t-theddid rivolt lejn Rodianne Frendo f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, ossia meta kien qed jitkellem ma' Hayley Frendo u meta ċempel lil Rodianne Frendo, jikkostitwixxi imġieba da parte tiegħu li holqot fl-imsemmija Rodianne Frendo biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha u/jew fil-konfront ta' bintha Hayley Frendo.

Id-diskursata ma' Hayley Frendo jidher li saret għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Diċembru 2019, bidu ta' Jannar 2020 u t-telefonata lil Rodianne Frendo saret fit-3 ta' Marzu 2020. Għalkemm kien hemm trapass ta' ftit xhur bejn inċident u ieħor, il-Qorti tħoss li dawn iż-żewġ okkażżjonijiet huma konnessi b'mod li effettivament jikkostitwixxu *a course of conduct* da parte ta' l-imputat. Di fatti r-retroxena ta' kull okkażjoni kien jirrivolvi madwar ir-relazzjoni li Rodianne Frendo kellha ma' terza persuna, liema fatt wassal lill-imputat biex iressaq minaċċi ċari fil-konfront ta' martu u anke ta' bintu. Li dawn il-minaċċi marbuta mar-relazzjoni tagħha ma' terza persuna ħolqu biża' f'Rodianne Frendo, partikolarment fir-rigward ta' uliedha, ħareġ ċar mill-kontro-eżami tagħha fejn ripetutament qalet li ħassitha mhedda u anke inkwetata għal uliedha. In verità meta wieħed iqis il-kliem li qal l-imputat, ma jistax għajr jiġi konkluż li huwa kien jaf li b'dawk il-kliem kien qed joħloq f'Rodianne Frendo biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha  u anke kontra bintha.

Dan kollu juri għalhekk li hawn iktar huwa każ ta' imġieba da parte ta' l-imputat li toħloq biża f'Rodianne Frendo li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew ta' bintha Hayley Frendo, li tikkostitwixxi reat ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, milli ta' fastidju sic et simpliciter ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm id-Difiża tipprova targumenta li ma jistax ikun li Rodianne Frendo ħassitha mhedda bl-imġieba ta' l-imputat għaliex hija xorta baqgħet tikommunika miegħu, anke wara li nbdew dawn il-proċeduri, u addirittura awgurat lil missieru f'għeluq snienu, il-Qorti tqis li din hija argumentazzjoni għal kollox fiergħa u rrelevanti għall-finijiet ta' ħtija għall-kummissjoni tar-reat imsemmi. Il-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-imputat u Rodianne Frendo wara xi żmien saru iktar ċivili, u dana anke minħabba fi u għall-ġid ta' uliedhom, u il-fatt li hi baqgħet f'relazzjonijiet tajbin

mal-familja ta' l-imputat, ma jnaqqas xejn mill-atteġġjament żbaljat u kriminuż ta' l-imputat fil-konfront tagħha fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri. Il-fatt li tali relazzjonijiet fortunatament tjiebu jistgħu se mai jkollhom effett fuq il-piena eventwalment imposta iżda ċertament mhux se jnaqqsu mill-ħażin li għamel l-imputat.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda għandu jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll li rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Eunice Grech Fiorni li esebiet sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michael Frendo", deċiża fl-20 ta' Jannar 2015[29] u sentenza oħra pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michael Frendo", deċiża fis-16 ta' Ġunju 2020[30]. Għalkemm għamlet referenza oħra għal sentenza li ngħatat kontra Michael Frendo mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale, Eunice Grech Fiorini stqarret li din is-sentenza ma nstabitx.

Mill-konnotati li jidhru fuq iż-żewġ sentenzi li ġew esebiti jirriżulta li dawn ingħataw fil-konfront ta' Michael Frendo, iben Joseph, bid-data tat-twelid 16 ta' Frar 1981 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 137381(M), li huma l-istess konnotati ta' l-imputat odjern. Jirriżulta għalhekk li l-imputat huwa bħala fatt reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu però l-Qorti ma tqisx li tista' tapplika fil-konfront ta' l-imputat il-provvedimenti ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għas-segwenti raġunijiet:

- Bis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Frendo pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-**20 ta' Jannar 2015**, jirriżulta li Michael Frendo kien ġie kkundannat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' €470.

[29] Dok. "EGF1" a fol. 44 sa' 48 tal-proċess.
[30] Dok. "EGB" a fol. 58 sa' 61 tal-proċess.

Għalkemm ġiet esebita din is-sentenza, ma tressqitx prova dwar meta l-imputat skonta l-perijodu ta' sitt xhur priġunerija u lanqas ma nġabet prova jekk il-multa fl-ammont ta' €470 tħallsitx. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistax tgħaddi għall-kalkolu meħtieġ għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Bis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Frendo pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-**16 ta' Ġunju 2002**, Michael Frendo ġie ikkundannat għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' Lm50, illum ekwivalenti għal €116.47. Mix-xhieda mogħtija mir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020[31] ma jirriżultax li tali multa tħallset u b'hekk il-piena hemm inflitta ma tistax titqies li ġiet skontata u konsegwentement it-terminu prefiss fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jibdiex jiddekorri[32].

- Għalkemm ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali[33] ddikjarat li l-multa imposta fuq Michael Frendo mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale, ġiet imħallsa u jidher li ġiet imħallsa fi Frar ta' l-2016, preċiżament fis-16 ta' Frar 2016 - Dok. "EGX2" a fol. 81 u 82 tal-proċess - jiġi ribadit li din is-sentenza ma ġietx esebita u għaldaqstant f'tali ċirkostanzi l-kwistjoni tar-reċidiv f'dan il-kuntest partikolari ma tistax titqies in kwantu tonqos l-aħjar prova[34].

Fid-dawl ta' dan għalhekk jiġi ribadit li fil-kuntest tas-sitt imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat għandu jinstab li huwa reċidiv limitatament a tenur ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat kif ukoll tal-fatt li mill-fedina penali ta' l-imputat ma jirriżultax li kien ġia nstab ħati ta' reati simili għal dawk odjerni. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għall-ġid ta' uliedhom ir-relazzjonijiet bejn l-imputat u Rodianne Frendo illum jidher li huma kemm xejn iktar kordjali u ċivilizzati.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah ukoll mill-akkuża tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 49, 251B(1)(2), 251HA u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu - bis-sitt imputazzjoni limitatament għall-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - u tikkundannah għall-perijodu ta' dsatax-il xahar (19) priġunerija iżda, peress illi f'dan

[31] Fol. 74 u 75 tal-proċess.
[32] Il-Pulizija v. Jason Zammit, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Settembru 2011 u Il-Pulizija v. Anthony Said, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2015.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020, fol. 74 u 75 tal-proċess.
[34] Il-Pulizija v. Joseph Zahra, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.

il-kaz jissussistu cirkostanzi, partikolarment il-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-imputat u Rodianne Frendo llum jidhru li huma iktar kordjali u ċivili, in bażi għal liema hemm lok li t-terminu ta' dsatax-il xahar (19) priġunerija hawn impost fuq l-imputat jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi l-imsemmi terminu ta' dsatax-il xahar (19) prigunerija ghall-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 251D(3) u ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Rodianne Frendo u dana għall-perijodu ta' sentejn (2) mil-llum u taħt t-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tagħmilha ċara li siccome l-imputat u Rodianne Frendo għandhom tfal minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Rodianne Frendo limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali tfal mingħajr b'hekk ma jkun qed jikser l-Ordni ta' Protezzjoni hawn impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat joħroġ 'l barra mill-limiti ta' din l-ezenzjoni limitata li qed issir, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Rodianne Frendo għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal in kwistjoni jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Protezzjoni hawn impost fuqu u b'hekk jittieħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi.

Il-Qorti żżid u tagħmilha ċara li jekk fid-data ta' din is-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Rodianne Frendo li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tfal minuri tiegħu u ta' Rodianne Frendo, din is-sentenza u l-kondizzjoni (e) fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Protezzjoni impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Rodianne Frendo. Fl-eventwalità li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Rodianne Frendo, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-ezenzjoni limitata konċessa b'din is-sentenza u tal-kondizzjoni (e) imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Protezzjoni hawn maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum, inkluż li joħroġ 'l barra mill-limiti ta' l-ezenzjoni limitata konċessa fil-kondizzjoni (e) ta' l-Ordni ta' Protezzjoni, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Rodianne Frendo għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal in kwistjoni jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef

Euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl ta' l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat maħruġ illum stess, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'dan il-każ tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna ta' l-imputat għall-ispejjeż għall-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li f'dawn il-proċeduri ma ġew maħtura l-ebda Esperti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**